**Santa Luċija**

**Minuti**

**Disà Leġislatura**

**Laqgħa Numru 14/2025**
**20 ta' Mejju 2025**

**Il-Kunsill Lokali ta' Santa Luċija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab 5/6 Binja tal-Faqqani, Trejqet il-Ġirasol, Santa Luċija fil-5:15p.m.**

PREŻENTI:
Charmaine St John – Sindku
Frederick Cutajar – Viċi Sindku
Kylie D'Amato – Kunsillier (6.10pm)
Liam Sciberras – Kunsillier (7.20pm)
Connie Debattista – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJA (Skont Ordni Permanenti 14A (3):
NIL

ASSENTI
NIL

UFFIĊJAL PREŻENTI:
Bernice Darmanin – Segretarju Eżekuttiv

MINUTI:

## 14.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

Il-Kunsilliera D'Amato infurmat lis-SE li ser tattendi aktar tard.

## 14.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti Nru 13

Il-Minuti tas-Seduta Nru. 13 ġew iċċirkulati qabel is-seduta. Il-Kunsill approva unanimament, is-Sindku ipproponit u l-Viċi Sindku issekonda.

Is-Sindku għaddiet mozzjoni sabiex l-Approvazzjoni tal-Quaterly Reports 2025 Q1 jiġu spjegati aktar il-quddiem, għalhekk bdiet bil-kommunikazzjoni tagħha.

## 14.4 Kommunikazzjoni mis-Sindku

14.4.1 Is-Sindku qrat parti mill-liġi L.N.363 dwar ir-**rispett lejn il-kariga** tas-Sindku u lejn il-Kunsilliera.

14.4.2 Is-Sindku poġġiet fuq il-mejda l-**istatistika** tal-laqgħat li saru matul ix-xahar ta' Mejju (Annex 1).

Il-Viċi Sindku talab li ssir kopja tal-minuti  fuq il-mejda għall-kunsilliera.  Il-Kunsilliera qablu jibdew jiġu provduti kopja tad-dokumenti għall-Viċi Sindku u l-Kunsilliera Debattista.

**14.4.3**  Referenza tal-**PQ26921**, is-Sindku qrat ir-risposti mingħand is-Sur Louis Gatt li huwa il-Kap tas-Segretarjat li l-Kummissarju tat-Tfal taqa' taħt il-Ministeru tiegħu u tas-Sa Catherine Fenech mill-Awtorita tad-Djar (Annex 2).  Il-Kunsillier Sciberras qara l-minuti ta' seduti preċedenti (Annex 3) sabiex juri li fl-ebda ħin ma saret laqgħa mal-Kummissarju tat-tfal u s-Sindku ikjarifikat li hi kellha laqgħa ma entitajiet oħra konċernati:

- Minuti – Marzu 2021 25.4.5
- Minuti – Diċembru 2021 35.5.10
- Minuti – Jannar 2023 50.8.2
- Minuti – Ottubru 2024 7.4.4
- Minuti – Novembru 2024 8.2.35
- Minuti – Frar 2025 10A.2.30
- Minuti – Frar 2025 11.2
- Minuti – Marzu 11A.4

**14.4.4**  Is-Sindku talbet sabiex isir sotto-kumitat biex jgħinu jiġu organizzati diversi **attivitajiet** tal-Kunsill.  Il-Kunsilliera Debattista talbet li tinħareġ sejħa għall-voluntira.  Il-Kunsill approva.

**14.4.5**  Is-Sindku talbet li la l-persuna li ġiet approvata għall-iskema tac-**CIES** ma aċċettatx, għalhekk jintalab permess lill-Jobsplus sabiex tinħareġ l-call għall-part time mingħajr l-O'Level tal-Maths.

**14.4.6**  Is-Sindku infurmat għall-internal call Scale 12 ma applika ħadd.  Il-Kunsill qabel li tinħareġ call għal **Scale 15** minflok tinħareġ il-call lill-pubbliku.

**14.4.7**  Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta mill-Kunsilliera D'Amato sabiex isiru **sinjali dwar s-saħħa mentali** bħal tal-Kunsill Lokali Ħal Għaxaq.  Il-Kunsill qablu sabiex isiru tabelli madwar il-bandli.

**14.4.8**  Is-Sindku irċeviet korrispondenza mingħand persuna li torganizza lezzjonijiet taz-**Zumba**.  L-Instructor talab sabiex il-Kunsill jipprovdi stage, dawl u sound.  Is-Sindku issuġġeriet li ssir f'Settembru 2025 l'għada tal-attivita li applikajna għaliha mal-iskema Kulturali.  Din l-attivita ser tkun b'risq Puttinu Cares.  Il-Kunsill approva.

**14.4.9**  Is-Sinku infurmat li l-Kunsill irċieva l-inkjesta Maġisterjali dwar l-**inċident** li seħħ f'Ġunju 2024.  Il-Kunsillier Sciberras rrimarka li din ma tistax tiġi moqrija fil-pubbliku.

**14.4.10**  Is-Sindku qrat il-korrispondenza tal-Kunsillier Sciberras dwar il-bozoz li qed jagħtu l-oppost fi **Vjal Oleandri**.  Is-Sindku infurmat li l-Enemalta infurmaw li l-lampi għadhom ma twaħħlux, u għalhekk kienu qed iħarsu n-naħa opposta.

**14.4.11**  Is-Sindku infurmat li l-minuti tal-laqgħa mal-Project Green ġew iċċirkulati qabel is-seduta (Annex 4).  Ser tiġi organizzata attività nhar il-21 ta' Ġunju 2025 fi Ġnien l-Iskultura, fejn ser tkun iffinanzjata kważi kollha minn **Project Green**.  Fl-20 ta' Mejju 2025 is-Sindku flimkien mal-Kunsilliera Debattista u SE attendew għall-laqgħa oħra ma Project Green fejn infurmawna li ser jitwaħħlu s-siġar bħala sound barriers maż-żewġ naħat tal-Picnic Area.  Ser isir ukoll sistema ta' irrigazzjoni mill-borehole li tinsab fi Ġnien iċ-Ċiniz, li jekk jirnexxilhom dan ix-xogħol isir matul is-Sajf.

14.4.12 Is-Sindku staqsiet lill-Viċi Sindku u Kunsillier Sciberras x'qed isir minn naħa tagħhom sabiex il-**pond** titnaddaf b'mod naturali. Il-Kunsillier Sciberras talab li jiġi mgħoddi ir-rapport tiegħu lill-Viċi Sindku. Is-Sindku infurmat li waslet il-filter mic-Ċina.

14.4.13 Is-Sindku infurmat li rċeviet talba sabiex iz-zebra Cross li tinsab fi **Triq Katarina Vitale** lejn il-bus shelter titmexxa peress li qedha perikoluża. Il-Kunsill approva.

Il-Viċi Sindku talab li jitnaddfu l-culverts ta' Triq Bruka u l-Kunsillier Sciberras informa li fi Triq il-Prinjoli hemm il-holder maqlugħ tal-Belishia Lights.

14.4.14 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva l-approval mingħand t-TM għall-parking bays fi **Triq Bice Mizzi Vassallo** wara li tiġi evalwata mill-field officer u l-perit tat- TM (Annex 5).

14.4.15 Is-Sindku infurmat li l-kunsill ġie mgħoddi kopja tal-MoU tal-**Street Sweeping** mingħand Cleansing Malta. Il-Kunsilliera talbu sabiex jingħataw aktar żmien biex iduru l-MoU, u wara li tasal lur miċ-Ċina ser titlob għall-laqgħa ma Cleansing Malta.

14.4.16 Is-Sindku infurmat li llum stess iltaqgħet mal-perit u l-kuntrattur li qed jaħdem fi **Triq Ġuljetta Lopez** grazzi għall-Public Works, fejn infurmaw li Triq l-Għansar ser issir ukoll. Il-Kunsilliera qablu li l-kaxxi tal-skart jibdew isiru kulur wieħed. Is-Sindku infurmat li l-bankina ta' Triq Helen Buhagiar ser titnaqqas.

14.4.17 Is-Sindku infurmat li l-Kunsill irċieva talba mingħand l-**IPS Summer Scheme** sabiex jiġu impjegati l-istudenti matul is-Sajf. Is-SE infurmat li l-aħjar isir xogħol ta' scanning mhux xogħol clerikali.

14.4.18 Is-Sindku qrat il-minuti tal-laqgħa li saret mad-**District Operations** (Annex 6)

14.4.19 Is-Sindku qrat il-minuti tal-laqgħa li saret ma **Right 2 Smile** (Annex 7)

14.4.20 Is-Sindku qrat il-minuti tal-laqgħa li saret ma **Public Transport** (Annex 8)

14.4.21 Is-Sindku qrat korrispondenza li ġiet mibgħuta mill-**Aġenzija tal-Enerġija u Ilma** (EWA) wara li bagħtnilhom sabiex jinbidlu s-siti ta' fejn ser jiġu mwaħħla c-charging pillars. EWA infurmawna li t-tibdil mitlub ma jistax isir minħabba diversi proċeduri. Is-Sindku ser tagħmel kuntatt mal-Ministeru kkonċernat.

14.4.22 Wara korrispondenza mibgħuta mill-Kunsillier Sciberras dwar il-format ta' kif jinkitbu l-ismijiet tal-Kunsilliera fl-**attendenza**, is-Sindku infurmat li mhemmx liġi ta' kif għandhom jinkitbu ħlief li s-Sindku u l-Viċi Sindku skond iċ-Ċirkulari 36-2016 mibgħuta mid-DLG. Għalhekk ġie maqbul li l-attendenza tibqa tinkiteb kif inhi.

14.4.23 Is-Sindku infurmat li rċeviet talba sabiex titneħħa l-**one way** fi Pjazza ta' Bertu. Il-Kunsill qabel li tiġi fil-kantunier aktar l'isfel tat-triq sabiex jitnaqqas l-inkonvenjent lir-residenti sabiex ikunu jistgħu jipparkjaw.

14.4.24 Is-Sindku infurmat li qed jinsterqu l-**cupboards** tad-dawl tal-HA ta' diversi blokkijiet ta'Triq Gardenja. Is-Sindku infurmat lir-residenti sabiex jagħmlu rapport mal-pulizija u ser tgħaddi r-rapport lil**l-HA.**

14.4.25 Is-Sindku infurmat li bdew jitqassmu l-flyers tal-**laqgħa annwali** kif ukoll kopja tal-formola tan-nominazzjoni ta' Ġieħ Santa Luċija.

**14.4.26** Is-Sindku infurmat li **Triq in-Naħla Maltija** ġiet approvata bħala l-isem tat-triq li tagħti għad-dog park.

**14.4.27** Is-Sindku qrat korrispondenza mibgħuta minn resident dwar iċ-**ċentru ċiviku.** Is-Sindku wieġbet li ċ-ċentru ċiviku ser jsir fis-sit propost u l-Kunsill qed jistenna l-pjanti l-ġodda mingħand il-perit b'inqas sulari u li l-3/4 tal-ground floor ikun open space. Il-pjanti iridu jiġu approvati mill-Kunsill qabel ma napplikaw mal-PA.

**14.4.28** Is-Sindku infurmat li nhar il-21 ta' Mejju 2025 ser jiġi iffirmat l-M**oU** tal-HA.

**14.4.29** Is-Sindku infurmat li fit-12 ta' Ġunju 2025 ser torganizz**a ħarġa** għar-residenti.

### 14.5 Mistoqsijiet mill-Kunsilliera

**14.5.1 IL-Kunsilliera D'Amato** staqsiet kif baqa l-Kunsill dwar is-sitwazzjoni tal-Belishia Lights fi Triq Ineż Soler. Is-Sindku infurmat li wara li l-Kunsilliera D'Amato stess bagħtet ritratti u videos ta' kif inhuma l-lights ta' Ta' Xbiex, s-Sindku għamlet kuntatt mas-Supplier u s-supplier ser jiġi jara s-sit.

14.**5.2** Il-**Kunsilliera Debattista** fakkret sabiex titneħħa l-ewwe lparking bay ta' ħdejn il-BIS fi Triq il-Ġibjun sabiex it-trakkijiet jkunu jistgħu ibagħtlu sew il-BIS.

**14.5.3 Il-Kunsilliera Debattista** talbet sabiex isiru linji sofor quddiem ir-rampa peress li din tintuża. Il-Kunsilliera talbet li jitneħħa d-DYL li saru maġenb garaxx ta' residenza oħra. Il-Kunsilliera infurmat li r-residenti irrabjati għax mhux kulħadd kien infurmat fuq il-linji. Is-Sindku u s-SE infurmaw li l-formoli ġew uploaded fuq il-facebook tal-Kunsill u kull minn xtaq li jsirulu d-DYL, irid japplika mal-Kunsill.

### 14.3 Approvazzjoni tal-Quaterly Report 1 – 2025

L-Accountant spjega il-Q1 (Jannar – Marzu) 2025 normalment huwa l-aktar 3 xhur kwieti fejn s'issa għadna within budget. F'dan il-quaterly il-Kunsill għandu FSI ta' 1%. Ir-Rapport ġie approvat unanimament.

Il-Kunsillier Sciberras ġie skużat milli jibqa' l-bqija tal-laqgħa (7.20pm)

### 14.7 Mozzjoni – 02-25 – Indafa aktar fit-Toroq Tagħna

Il-Kunsilliera Debattista appellat sabiex ir-residenti jissepparaw u jiddisponu mill-iskart kif suppost kif ukoll appellat lis-sidien tal-klieb biex jiġbru l-ħmieġ tal-klieb.

Is-Sindku infurmat li l-Kunsill jorganizza clean up days u ħeġġet sabiex il-kunsilliera u r-residenti jattendu, peress li qed ikun hemm nuqqas ta' parteċipazzjoni. Is-Sindku rrimarkat li l-Contract Manager suppost qiegħed hemm bil-liġi, iżda fir-realta din ma ħadmitx kif suppost.

Il-Viċi Sindku informa li l-Gvern jipprovdi s-servizz tat-tindif, biex il-pajjiż jinżamm nadif.

Il-Kunsilliera D'Amato irrimarkat li Santa Luċija mhix maħmuġa. Bħala kampanja, hawn diversi għaqdiet li jorganizzaw clean up days. Il-Kunsilliera D'Amato ħeġġet lill-Kunsillier responsabbli mill-Indafa sabiex tipprepara xi ideat ta' xjista jsir u jimplimenta l-ideat.

Il-Kunsilliera Debattista għalqet sabiex l-stray cats ma jingħatawx wet food issa li dieħel is-sajf.

Din il-mozzjoni ġiet approvata mill-Kunsill b'mod unanimu

### 14.8 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda tal-Pagamenti.

L-skeda tal-pagamenti 14/25 ġew approvati mill-Viċi Sindku Frederick Cutajar u ssekondati mill-Kunsilliera D'Amato. Il-Kunsilliera Debattista asstjeniet milli tapprova l-Iskeda minħabba li mill-petty cash inxtraw panadols minn Santa Luċija Pharmacy għall-valur ta €5.32 li skond il-Kunsilliera Debattista tiġi konflitt ta' interess.

### 14.9 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss

Il-laqgħa ntemmet fis-7.45pm u is-seduta li jmiss ser issir nhar l-Erbgħa, 11 ta' Ġunju 2025 fil-5.15pm.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATI | IFFIRMATI |
| _____________________________ | _____________________________ |
| Charmaine St John | Bernice Darmanin |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |